SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tmienja u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Għażla ta'l-offerta dwar l-istudju għal-lokalita' sostenibbli**

3.1 Is-Sindku rrefera għat-tenders mitfugħa konnessi ma' l-istudju għall-lokalita' sostenibbli.

3.2 L-offerti mitfugħa kienu mingħand

D Consulta ghal prezz ta' €10,000 inkluz il-VAT
IPS Malta Ltd ghal prezz ta' €9150 eskluz il-VAT
Europa Research and Consultancy Services Ltd €9800 eskluz il-VAT

3.3 Il-Kunsill evalwa l-kontenut ta'l-offerti u l-kwalifiki referuti fihom. L-offerta tad-D Consulta ġiet skwalifikata għal fatt li l-offerta ġiet ibbażata fuq is-SEAP tal-Covenant of Mayors u mhux fuq żvilupp sostenibbli kif mitlub mir-rapport tal-Kunsill.

3.4 L-għażla waqgħet fuq it-tieni l-orħos offerta dik ta' IPS Malta Ltd. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-offerta ta' din il-kumpanija bil-kundizzjoni li l-kumpanija tikkonferma li l-prezz dak ta' €9150 eskluz il-VAT jinkludi kull spejjes relatati ma' l-istudju u mal-pjanti meħtieġa biex isir dan l-istudju. Il-Kunsill qabel li kemm il-darba dan jikkonferma, nistgħu nibgħatulu l-letter of acceptance u nipproċedu bl-istudju.

## 4.0 Għażla tar-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-librerija.

4.1 Il-kunsilliera evalwaw l-entries kollha li daħlu għall-kompetizzjoni konnessa mal-librerija. Il-kunsilliera qablu li l-entries kollha kienu ta' livell għoli iżda l-għażla unanima waqgħet fuq l-entry ta' Justin Grima. Għas-sezzjoni tal-adulti daħlet entry waħda biss, b'hekk kwalifikat bħala r-rebbieħa.

## 5.0 Materji oħra

Ġie deċiż li fl-ewwel ħarġa ta' l-avviżi tal-Kunsill għandna nagħmlu referenza għal-ħmieġ li qed isir mill-klieb fit-toroq b'mod partikolari fiz-zona tal-plots.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:00 ta' filgħaxija.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**